MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 51/2008

**Joseph Calleja (ID 497123M)**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u PL Veronica Rossignaud kienu nominati b'digriet tal-Bord fis-6 ta' Novembru 2008 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita' gjacenti ta' Alfred Zahra.**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-esponenti gja pprezenta rikors ghall-izgumbrament tal-intimat mill-fond 'Casa Marija' Trqi Anglu Gatt, Mosta u dan il-Bord laqa' t-talba tieghu permezz tas-sentenza moghtija minn fis-6 t'April 2005;

Illi minn din is-sentenza sar appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u dik l-Onorabbli Qorti cahdet l-appell interpost permezz tas- sentenza taghha tat-13 ta’ Lulju 2006 u b’hekk ikkonfernat is-sentenza appellata;

Illi wara li nghalqu dawn il-proceduri u ghalhekk is-sentenza appellata ghaddiet in gudikat u precizament fil-21 t’Ottubru 2007, miet l-intimat skond kif jirrizulta mic-certikfat tal-mewt tieghu hawn anness.

Illi l-esponenti ghandu interess li din is-sentenza tigi esegwita u ghalhekk li jirriprendi l-pussess tal-imsemmi fond li tieghu rebah il-kawza u in vizta tal-mewt tal-intimat hemm bzonn, ai termini tal-artikolu 259 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta isiru dawn il-proceduri;

Illi kontestwalment mal-prezenti gie pprezentat rikors ghan-nomina ta’ kuratur sbiex jirraprezenta l-eredita’ gjacenti tal-mejjet Alfred Zahra;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jordna li l-imsemmija sentenza tkun esegwibbli kontra l-kuratur nominandi u./jew kontra l-eredi tal-intimat, jekk ikun il-kaz, biex b’hekk jigu esegwiti u ordnati l-effetti tal-imsemmija sentenza – dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li dan il-Bord joghgbu jimponi;

Ra wkoll ir-risposta tal-kuraturi deptutati li tghid:

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors kompriz l-estratt mill-att tal-mewt ta’ Alfred Zahra;

Stante li dan ir-rikors jimmerita li jkun milqugh, l-Bord jilqa’ t-talba u jordna l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-

Bord fis-6 t'April 2005 u konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lullju 2006 fl-ismijiet Joseph Calleja vs Alfred Zahra liema esekuzzjoni ghandha ssir kontra l-kuratuti nominati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------